# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 424/2017**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Keith Camilleri**

Iben Fabian u Giacinta Azzopardi imwieled Pieta' fil-25 ta' Awwissu, 1981, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 481481(M)

Illum, 30 ta' Ottubru 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Keith Camilleri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli f' Lulju 2012 u fil-gimghat u x-xhur ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda.

1. U aktar talli fl-istess dati, lokalijiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismjiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-istabbiliment Digital Zone u/jew John Meli ID 57355M.
2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor,

ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, segha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal- istabbiliment THE, WHOLESALER BELGROUP u/jew Joseph Bugeja ID 53157M.

3. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, iew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu tal- Kumapnlja VINCENT MIFSUD LTD.

4. B' mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet miia u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad dannu ta' Joseph Micallef ID 602460M u ta' Luke Micallef ID 55290M.

5. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar rninn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad dannu tal- kumpanija NESTLE MALTA LTD.

6. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra il-ligi rew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwaliflki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad dannu tal-istabbiliment G&T IMPORTS LTD u/jew Anthony Borg ID 406148M.

7. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra il-ligi rew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwaliflki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta'

intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad dannu tal-kumpanija Schembri Import & Export Ltd u/jew George Schembri ID 172266M.

8. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra il-ligi rew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwaliflki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad dannu ta' Craig Agius ID 241789M.

9. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra il-ligi rew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwaliflki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad dannu tal-kumpanija J. Calleja Ltd u/jew id-diretturi taghha.

10. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra il-ligi rew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwaliflki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad dannu tal-istabbiliment South Market u/jew Paul Mifsud ID 98069M.

11. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra il-ligi rew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwaliflki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad dannu ta' Technoworld IT Solutions & Beyond u/jew Rodney Testa ID 550879M.

12. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra il-ligi rew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwaliflki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor,

ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad dannu ta' Michael Chircop ID 461279M.

13. U aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra il-ligi rew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwaliflki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad dannu tal-kumpanija Rotunda Ltd. u/jew Armand Galea ID 669662M.

14. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f' atti awtentici u pubblici, jew fi skritturi kummercjali jew ta' banek private, b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' diversi cekkijiet tal-HSBC Bank Malta plc u Bank of Valletta plc, li jappartjeni lil Saviour Grima, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew bidel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza;

15. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu xi haga li kien jaf li kienet misruqa jew mehuda b' qerq jew akkwistata b' reat u naqas milli jgharraf lill-Pulizija b' dan il-fatt fi zmien gimgha minn meta sar jaf.

U b' hekk Keith Camilleri:

a) Wettaq reat fi zmien il-perjodu operattiv ta' sentenzi sospizi liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jisghux jigu mibdula;
b) Sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 (Kodici Kriminali) tal-Ligijiet ta' Malta, b' sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Ottubru, 2017 fejn il-Qorti filwaqt li inkwantu ghat-tieni imputazzjoni ma sabitx lill-imputat hati biss tal-addebitu tal-valur li jeccedi l-€ 2,329.37, kif ukoll ma sabitux hati li wettaq reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza,

wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 183, 184, 308, 310 (1) (b), 334 u 334 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u ikkundannatu ghal erbatax-il (14) xahar priguneria. Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 412 D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta poggiet lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sena (1) bil-ghan li jeghleb il-vizzju tad-droga darba ghal dejjem. Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk ma jobdix l-ordnijiet moghtija lilu inkwantu ghall-ordni ta' trattament.

Rat ir-rikors tal-appellant pprezentat fil-Qorti fis-17 t' Ottubru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tbiddel u tvarja s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti billi tikkonfermaha n kwantu ghal dikjarazzjoni ta' htija u nuqqas ta' htija izda li taghti piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi.

Rat l-aggravju tal-appellant u cioe':-

> Ghalkemm l-Ewwel Onor. Qorti ghamlet analizi sewwa tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza kif ukoll ghar-retroxeni relattivi, l-appellanti huwa tal-fehma illi l-Ewwel Onor. Qorti kellha taghti aktar sahha lis-segwenti fatti:
>
> i. Il-fatt illi l-appellanti kien qed ibaghti minn problema serja ta' droga.
> ii. L-appellanti illum hareg minn dan il-vizzju.
> iii. Il-pre-sentencing report inniffsu jaghmilha cara li l-appellanti hadem sabiex johrog minn dan il-vizzju.
> iv. Illi illum l-appellanti sab ix-xoghol u qed jimxi l' quddiem fil-hajja tieghu.
> v. Illi piena karcerarja wara li issa hareg mill-vizzju ta' droga.
> vi. Illi l-appellanti sab l-appogg shih ta' familtu.
> vii. L-appellanti illum mhux idoneu ghal piena karcerarja.
> viii. Ghaddew aktar minn hames snin mill-akkaduti n mertu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravju ta'l-appellant huwa dirett unikament lejn il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u dan wara li huwa kien ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu. Jishaq l-appellant illi l-Ewwel Qorti naqqset milli tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi li huma elenkati fir-rikors ta'l-appell tieghu hawn fuq iccitat. Din il-Qorti ghalhekk fuq talba stess tal-appellant regghet ordnat it-thejjija ta' *pre-sentencing report* iehor sabiex tara jekk dawn lil-fatturi mitiganti li l-appellant jindika fir-rikors tieghu tal-appell fattwalment jezistux.

Illi ir-rapport imhejji mill-Ufficjal tal-Probation Glenn Grixti jipprezenta stampa kemmxejn negattiva dwar l-isforzi li qed jaghmel l-appellant sabiex johrog mill-vizzju tad-droga u l-hajja ta' kriminalita marbuta ma'l-istess. Tant hu hekk illi l-istess Ufficjal huwa tal-fehma illi ghal appellant ma hemmx triq ohra hlief dik ta'l-inkarcerazzjoni.

Mhux biss l-appellant ma attendiex ghall-appuntamenti kollha moghtija lilu mill-Ufficjal Grixti, izda naqas li jikkopera mal-istess Ufficjal fejn lanqas ipprovda kampjun tal-urina meta gie mitlub jaghmel dan. L-appellant jidher li anke qed ifalli diversi appuntamenti gewwa id-Detox u mhux qed juri ebda motivazzjoni biex jirranga hajjtu. Dan gie ikkonfermat minn Dr. Anna Maria Vella mid-Detox li ikkonfermat ukoll illi l-kampjuni tal-urina tal-appellant migbura minn dan id-Dipartiment jindikaw l-abbuz ta' diversi sustanzi illeciti, b'mod ewlieni dak tal-erojina u kannabis. Jidher illi fis-sitt snin li l-appellant ilu f'kuntatt mal-Ufficju tas-servizzi tal-probation huwa qatt ma wera interess biex jeghleb il-vizzju tad-droga. Tant hu hekk illi jidher illi l-appellant ghadu qed jabbuza mid-droga, fatt li fil-fehma ta' din il-Qorti iqieghdu f'riskju kbir li jerga' jaqa' fil-hajja ta' kriminalita'.

Jikkonkludi hekk l-Ufficjal tal-Probation fir-rapport tieghu:

> **"Fid-dawl tal-informazzjoni migbura, jidher li Keith ghandu bzonn jiehu l-ghajnuna necessarja sabiex jindirizza u jwaqqaf l-abbuz tad-droga, liema ghajnuna tista' twassal sabiex jibda' ighix hajja aktar stabbli. Din l-ghajnuna ghandha tinghata billi jsir kuntatt ma' xi agenzija li tassisti niex bi problema ta' vizzji.**

**Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, kif ukoll tal-akkuzi migjuba fil-konfront tal-appellant qed jigi umilment issuggeriet lil din l-Oniorabbli Qorti li Keith jinghata piena karcerarja. Flimkien ma' din is-sentenza ghandha tinhareg ukoll Ordni ta' Trattament skont l-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali ta' Malta, liema ordni ghandha tizgura li Keith jaghmel kuntatt ma' xi agenzija li tassisti nies bi problema ta' vizzji u dan sabiex jindirizza l-problema tad-droga."**

Huwa dan li fil-fatt ippruvat taghmel l-Ewwel Qorti meta giet biex teroga l-piena fil-konfront ta'l-appellant u allura abbazi ta' dawn il-konkluzjonijiet milhuqa mill-Ufficjal tal-Probation il-Qorti ma tista' issib l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti meta giet biex tikkalibra l-piena fil-konfront tal-appellant. Dan ghaliex ukoll dawk il-fatturi mitiganti li l-appellant jindika fir-rikors ta'l-appell, u cioe' b'mod ewlieni meta huwa isostni illi eghleb il-vizzju tad-droga li kien mahkum minnha, huma ghal kollox infondati.

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

***(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence***

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel. Illi, fil-kaz ta'l-appellant, dawn l-ghanijiet jistghu jintlahqu biss billi huwa jigi inkarcerat fejn dan iz-zmien ta' inkarcerazzjoni ghandu jigi utilizzat minnu sabiex ifittex l-ghajnuna li tigi ipprovduta minn gewwa il-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga darba ghal dejjem. Fuq kollox din il-Qorti ma tistax ma izzommx quddiem ghajnejha illi l-appellant gie misjub hati ta' mhux anqas minn erbatax-il imputazzjoni marbuta mar-reat ta' frodi fil-konfront ta' diversi nies.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha bit-terminu ta' sena moghti fl-Ordni ta' Trattament ghandu jibda jidekorri mil-lum.

Edwina Grima

Imhallef